



Brussell, 25 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13606/22

LIMITE

**CORLX 925
CFSP/PESC 1342
RELEX 1343
COAFR 267
CONUN 243
COARM 201
FIN 1081**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni u Regolament tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo

- Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK¹ dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Ir-Regolament (KE) Nru 1183/2005 li jipponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur għall-embargo tal-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2010/788/PESK.
- Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni ("UNSCR") 2641 (2022), li temenda l-kriterji għad-deżinjazzjoni ta' persuni u entitajiet biex ikunu soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fil-paragrafi 9 u 11 tal-UNSCR 1807 (2008), kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu li jinnotifikaw lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit skont il-UNSCR 1533 (2004) ta' vjeġġi ta' armi u materjal relatati għar-RDK, jew kwalunkwe forniment ta' assistenza teknika, finanzjament, servizzi ta' senserija u servizzi oħra relatati ma' attivitajiet militari fir-RDK.

¹ ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30

3. Fl-14 ta' Ottubru 2022, ir-Rappreżentant Għoli ppreżenta lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK (dok. 13601/22). Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw proposta konġunta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 (dok. 13603/22).
4. Fl-24 ta' Ottubru 2022, il-Grupp ta' Ħidma ta' Kunsillieri għar-Relazzjonijiet Barranin (RELEX) laħaq qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni u l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill.
5. Abbażi ta' dan, il-COREPER huwa mistieden biex:
 - jikkonferma l-qbil dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni u l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-Ġuristi-Lingwisti, fid-dokument 13602/22;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta r-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo kif jinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 13605/22.